IEQAF U AĦSEB

# NILBSU Ż-ŻARBUN …

Kemm inħobbu nitkellmu fuq l-oħrajn hux?
Imbagħad saħansitra niġġudikawhom.
Malajr naqtgħu il-kundanna fuq dak jew fuq dik!
Imma qabel ma niġġudikaw lill-persuna li tiġi f'ilsienna,
jeħtieġ li l-ewwelnett nilbsu ż-żarbun tagħha …

Irridu nimxu fil-mogħdija tal-ħajja li mxiet hi,
naraw iċ-ċirkustanzi tal-ħajja li sabet ruħha fihom …
Imbagħad FORSI nistgħu nikkummentaw
imma MINGĦAJR ma niġġudikaw lill-persuna.
B'umiltà rridu naraw ftit x'konna nagħmlu aħna
kieku konna fiż-żarbun ta' dik il-persuna,
u mhux naqbżu fuq konklużjonijiet bl-addoċċ,
jew agħar, fuq ġudizzji li mhux suppost nagħmlu.

Naħsbu ftit
qabel ma naqbdu nitkellmu
jew nikkundannaw …





***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Tommy Abdilla
Nick Bugeja
Ace Briffa Ciancio

---- o ----



***Ingħaqdu fiż-Żwieġ***
Owen Piscopo u Lara Zammit

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***
Francis Zammit

***Nitolbu għalihom!***





PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI

# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## KUNU QADDISIN GĦAX QADDIS JIEN
## - 1 Pietru 1, 15-16 -

Fil-qalba tas-Sinodu tal-Isqfijiet dwar iż-Żgħażagħ, il-Fidi u d-Dixxerniment Vokazzjonali li ġie ċċelebrat fil-Vatikan tul Ottubru, il-Papa Franġisku, nhar il-Ħadd 14 ta' Ottubru 2018, iddikjara 7 qaddisin ġodda fil-Knisja Kattolika fosthom żgħażugħ, kappillan, u xi sorijiet, u tnejn li tassew jispikkaw: l-Arċisqof Oscar Romero u l-Papa Pawlu VI. Bix-xieraq għalhekk li fix-xahar ta' Novembru, li jibda bis-solennità tal-Qaddisin kollha, insiru nafu aktar u nirriflettu dwar dawn iż-żewġ qaddisin.

***L-Arċisqof Oscar Romero***

Oscar Romero twieled f'familja kbira nhar il-15 ta' Awissu, 1917 f'El Salvador. Ta' 12-il sena, il-ġenituri tiegħu ma setgħux aktar jibgħatuh l-iskola u għalhekk, intbagħat jaħdem ma' mastrudaxxa. Għalkemm malajr wera li kien maqtugħ għal din is-sengħa, Oscar beda jagħraf is-sejħa li jsir qassis u kien determinat li jidħol is-seminarju. Ġie ordnat saċerdot fl-1942, u pratikkament mill-ewwel irnexxielu jikkonvinċi 5 stazzjonijiet tar-radju biex ixandru l-omeliji tiegħu lill-bdiewa li kienu jaħsbu li ma kinux milqugħa fil-knejjes. Fl-1970, sar Isqof Awżiljarju ta' San Salvador u matul l-4 snin li dam hekk, Romero kien ikompli ħafna mat-tradizzjoni u kien iżomm mal-ġerarkija li kienet tippromwovi l-konformità.

Ma kienx iħossu komdu fl-azzjoni soċjali li kienet tisfida lill-mexxejja politiċi. Iżda hekk kif intagħżel bħala l-Isqof ta' Santiago de Maria u tul is-sentejn li dam hemm huwa nduna li t-tfal kienu qed imutu għax il-ġenituri tagħhom ma kellhomx flus biex iħallsulhom mediċina. Beda juża l-fondi tad-djoċesi u l-flus personali tiegħu biex jgħin lill-foqra, imma kien jaf li l-karità biss ma kinitx biżżejjed. Fid-djarju tiegħu kiteb li l-poplu li kien fqir ma kellux biss jirċievi l-flus mill-gvern jew mill-knisja, imma kellu jagħmel ħiltu biex jibdel il-kundizzjonijiet ta' ħajtu għall-futur.

Fl-1977, Romero sar Arċisqof ta' San Salvador, il-belt kapitali. Is-sitwazzjoni tal-pajjiż bdiet sejra għall-agħar u għalhekk ma setax jibqa' aktar sieket. Is-suldati kienu qed joqtlu lill-poplu, b'mod speċjali għalliema, sorijiet u qassisin, fosthom il-ħabib kbir tiegħu, il-Ġiżwita Rutilio Grande. Eluf ta' nies bdew jinħatfu. Romero talab lill-president ta' El Salvador biex jagħmel investigazzjonijiet serji fuq dan il-qtil, iżda dan ma tax kas. B'hekk Romero għażel li jsir il-leħen ta' min ma kellux vuċi. Beda juri lid-dinja il-qagħda li kienu jinsabu fiha n-nies ta' pajjiżu: fl-1979, kienu bdew jinqatlu 3,000 persuna f'xahar.

Oscar Romero ma kien għad fadallu xejn x'jagħtihom għajr il-fidi u t-tama li ma kinux qed ibatu u jmutu għalxejn. Fit-23 ta' Marzu tal-1980, wara li rraporta l-imwiet u n-nies li kienu għebu l-ġimgħa ta' qabel, Romero beda jkellem lis-suldati u lill-pulizija: *'Nitlobkom, nitkarrbilkom, nordnalkom ... f'isem Alla, waqqfu din ir-ripressjoni!'* L-għada filgħaxija, waqt li kien qed iqaddes fil-kappella tal-isptar tal-Providenza Divina, l-Arċisqof Romero safa maqtul b'tir. Ftit ħin biss qabel qatluh, Romero kien għadu kif tenna: *'Dawk li jagħtu lilhom infushom għas-servizz tal-foqra permezz tal-imħabba ta' Kristu għad jgħixu bħall-ħabba tal-qamħ li tmut ... Il-ħsad iseħħ għax il-ħabba tal-qamħ tmut.'* Bħal ħafna mexxejja oħra li ġġieldu għall-ġustizzja, Romero miet martri imma leħnu ma ssikkitx għax sar is-simbolu tat-tama f'pajjiż li ġarrab il-faqar, l-inġustizzja u l-vjolenza.

***Il-Papa Pawlu VI***

Giovanni Battista Montini twieled fl-1897 fil-provinċja Taljana ta' Brescia, u kien tifel pjuttost marradi tant li kellu jfalli ħafna skola. Biss ġie ordnat saċerdot fl-1920 u beda jservi fid-diplomazija. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, il-Papa Piju XII, li miegħu ħadem mill-qrib ħafna, talbu joħloq uffiċċju ta' informazzjoni dwar ir-rifuġjati u l-priġunieri tal-gwerra. Il-gvern ta' Mussolini kien jara l-azzjonijiet tiegħu bħala ndħil u kien jikkritikah ħafna. Fl-1954, huwa nħatar Arċisqof ta' Milan u fl-ewwel xhur tal-ħidma tiegħu, sar jaf mill-qrib il-*unions* tal-ħaddiema u kien spiss jistaqsi dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Il-Papa Ġwanni XXIII ħatru bħala Kardinal u wara mewtu ġie elett bħala Papa, u ħa l-isem ta' Papa Pawlu VI. Parti kbira mill-ħidma tiegħu kienet tikkonsisti f'li jerġa' jlaqqa' l-Konċilju Vatikan II u jara li d-dokumenti kollha tal-Konċilju jixterrdu u li r-riformi jitwettqu. Pawlu VI kien l-ewwel Papa li siefer u żar l-Art Imqaddsa, il-Kolumbja, l-Awstralja, l-Uganda u New York, fejn saħansitra ndirizza lill-Ġnus Magħquda fl-1965. Tul il-papat tiegħu wettaq riformi kbar fil-Knisja u waqt it-taqlib politiku u soċjali li kienet għaddejja minnu d-dinja, huwa ħa ħsieb iżomm bla mittiefsa l-qofol tal-fidi Nisranija. Hu tejjeb ir-relazzjonijiet ekumeniċi tal-Knisja Kattolika Rumana mal-Protestanti u l-Ortodossi, u permezz tal-enċiklika *Humanae Vitae* li kiteb fl-1968 dwar il-ħajja tal-bniedem huwa wera l-pożizzjoni tal-Knisja kontra t-tnissil artifiċjali filwaqt li jpoġġi l-argumenti tiegħu fil-kuntest tat-tagħlim Kattoliku dwar is-sbuħija u l-iskop tal-ħajja miżżewġa u l-prokrezzjoni. Miet b'attakk tal-qalb f'Castel Gandolfo nhar is-6 ta' Awwissu 1978.

Il-mirakli li wasslu kemm għall-beatifikazzjoni, kif ukoll għall-kanonizzazzjoni tiegħu, kienu t-tnejn marbuta mat-twelid ta' trabi fil-ġuf li kienu qed jipperikolaw il-ħajja tal-ommijiet.

***Alla jsejħilna għall-Qdusija***

San Oscar Romero – Arċisqof, u San Pawlu VI – Papa, huma 2 mill-ħafna nsara ta' diversi żminijiet li mhux biss tgħammdu bl-ilma u tgħallmu xi ftit duttrina, imma li ħallew l-Ispirtu t'Alla jimmotivahom u jqanqalhom ħalli b'ħajjithom ikunu xhieda qaddisa ta' Kristu, u għalhekk tal-Imħabba li Alla għandu għad-dinja. Fl-eżortazzjoni appostolika *Evangelii nuntiandi* (1975), il-Papa Pawlu VI jikteb: *"il-bniedem modern jisma' iżjed bil-qalb lix-xhieda milli lill-għalliema, u jekk jisma' lill-għalliema, dan jagħmlu għaliex huma xhieda"* (par. 40). Jalla aħna wkoll inkunu nies li jagħtu xhieda għal dak li jemmnu fih, mhux biss bil-kliem, imma iktar u iktar, bil-fatti.



# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Novembru 2018

| | |
|---|---|
| Il-Ħamis 1 ta' Novembru | **Solennità tal-Qaddisin kollha**<br>*Inqaddsu dan il-jum bis-sehem tagħna fil-quddiesa.*<br>Il-Quddies ikun: Filgħodu - 7:30am,<br>Filgħaxija - 6:30pm. |
| Il-Ġimgħa 2 ta' Novembru | **L-Għid tal-Imwiet - *L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar***<br>*Niftakru u nitolbu għal ħutna l-mejtin.*<br>Il-Quddies ikun:<br>Fis-7:00am u fit-7:45am.<br>Wara jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha niftakru b'mod partikulari f'ħutna li mietu matul din is-sena.<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 4 ta' Novembru | Fl-4:00pm - Quddiesa u Tberik taċ-Ċimiterju.<br>*Ma jkollniex il-quddiesa tal-5.30pm* |
| It-Tnejn 5 ta' Novembru | **Għoti tal-Ministeru tal-Akkolitat**<br>Fis-7:00pm - Quddiesa fis-Seminarju tal-Virtù li fiha s-Seminarista mill-Parroċċa tagħna, Tony Pace, flimkien ma' 4 seminaristi oħra, ser jirċievi dan il-Ministeru. |
| It-Tlieta 6 ta' Novembru | Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju tal-Kappillani u s-Saċerdoti mejtin. |
| L-Erbgħa 7 ta' Novembru | Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju tal-Fratelli mejtin tar-Rużarju u tas-Sagrament. |
| Il-Ħamis 15 ta' Novembru | Fis-7:15pm - Assemblea Parrokkjali fil-Knisja Parrokkjali. |
| It-Tlieta 20 ta' Novembru | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| Il-Ħadd 25 ta' Novembru | **Solennità ta' Kristu Sultan** |

**QUDDIESA GĦAT-TFAL**
**Kull nhar ta' Ħadd @ 9:00am**
**fil-Knisja ta' San Pawl - Ħal Safi**

